**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024**

**Talba Nru: 396/2023MD**

**Redent Spiteri (KI 470993M**

**Vs**

**Rodrick Abela (KI 0544883M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-31 ta' Ottubru, 2023[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tlett'elef, u tminn mija (€3,800.00) rappreżentanti bilanċ dovut bħala self *breve mano* mill-attur lil konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u l-konvenut lanqas ma deher għas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2024,[2] u tat-13 ta' Frar, 2024[3].

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-attur fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2024[4] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tat-13 ta' Frar, 2024.[5]

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 8 tal-proċess.
[3] *A fol* 10 tal-proċess.
[4] *A fol* 9 tal-proċess.
[5] *A fol* 10 tal-proċess.

Ra x-xhieda ta' Redent Spiteri[6] li kkonferma li hu sellef lil konvenut l-ammont ta' tlett'elef, u tminn mija (€3,800) għal-bżonnijiet tiegħu u l-ammont għadu dovut mil-konvenut.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-attur Redent Spiteri li jindika li l-bilanċ għadu dovut.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' tlett'elef u tminn mija (€3,800.00).

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[6] *A fol* 11 *et seq* tal-proċess, xhieda datata 13 ta' Frar, 2024.